# 44. Mirjana *

Ġo sema kħajjel nir il-maestà
tal-muntanji għoljin bis-silġ bajdana;
wesgħat wesgħat bil-ħdura sewdenija
tal-boskijiet;

Pjanura li mill-għoli tinżel ħelu
ittarraf bil-qasbija b'xuxa bajda
ix-xtajta mrammla fejn it-Terek tilma
kollha kaħlana.

Fuq dan l-isfond ta' ġmiel u maestà
Tfajla Ċirkassa, sbejħa daqs l-istatwa
ta' Venus tal-antiki, tawwalija,
kollha mibruma,

B'wiċċha ħamrani tond, xagħarha iswed tuta
jinżel madwaru, għajnejn kbar sewdiena
b'xagħar iswed twil, imnieħer żgħir, u x-xoffa
t'isfel maħruqa,

Liebsa qmejsa tawwala minn fuq s'isfel,
mehmuża b'faxxa, li sidirha tqabbeż,
u tikxef par dirgħajn somor, mibruma,
u saqajn ħafja.

Il-mossi tagħha, waqt li taqta' u tiġbor
l-għenieqed marsusin tal-għeneb iswed
bħal ħbub għajnejha, jiġbdu s-simpatija
tal-blat u s-siġar.

Hekk dehret sbejħa ġewwa l-ġnien ta' Eden
Eva kif ħarġet mill-idejn ta' Alla;
jew forsi s-sura tal-ulied ta' Eva
biż-żmien u l-ħtija

Tant krieħet li l-Ħallieq sawwar mara oħra
tal-Kawkasu fil-ġnien, Mirjana sbejħa,
bi ġmielha maestuż daqs tal-muntanji
jiddu fil-bogħod.

** Imnebbħa minn Mirjana, tfajla Ċirkassa fir-rumanz "The Cossacks" ta' Leo Tolstoi. It-Terek hija xmara fil-Kawkasu.*